

Brussell, 16 ta' Frar 2022  
(OR. fr)

6003/22

FIN 120  
PE-L 7

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti taħt it-TFUE u t-Trattat Euratom fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020 – <i>Adozzjoni</i>

---

1. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom), Nru 2018/1046<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu, il-Kunsill huwa mitlub ifassal rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew dwar kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti taħt it-TFUE u t-Trattat Euratom, li għandhom personalità ġuridika u jirċievu kontribuzzjonijiet li jitħallsu mill-baġit.
2. Fil-vidjokonferenza informali tal-21 ta' Jannar, u fil-laqgħat tal-25 ta' Jannar u tal-1 ta' Frar u l-10 ta' Frar 2022, il-membri tal-Kumitat tal-Baġit eżaminaw it-tnejn u tletin rapport annwali speċifiku<sup>2</sup>, stabbiliti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, relatati mal-korpi stabbiliti taħt it-TFUE u t-Trattat Euratom, li għandhom personalità ġuridika u jirċievu kontribuzzjonijiet li jitħallsu mill-baġit, u laħqu qbil dwar l-abbozzi tat-testi kif jinsabu fl-Addendum għal din in-nota.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

<sup>2</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

3. Il-Kumitat tal-Baġit jirrakkomanda lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex jissuġġerixxi lill-Kunsill:
- jadotta l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet kif jinsabu fl-Addendum għal din in-nota; u
  - jieħu ħsieb biex dawn jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u japprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill

lil: President tal-Parlament Ewropew

Sinjura President,

F'konformità mal-Artikolu 70(4) tar-Regolament (UE, Euratom)<sup>1</sup> 2018/1046, qed nibgħatlek separatament<sup>2</sup> ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Marzi 2022 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti taħt it-TFUE u t-Trattat Euratom fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

[Formola tal-għeluq].

---

<sup>1</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

<sup>2</sup> 6003/22 + ADD 1.